


# Il-Gwida uffiċjali tiegħek għall-elezzjoni federali 2007

## Is-Sibt 24 ta' Novembru 2007

AEC
Australian Electoral Commission
*Your vote is a valuable thing*

Maltese

# Il-Gwida uffiċjali tiegħek għall-elezzjoni federali 2007

## Is-Sibt 24 ta' Novembru 2007

### Jum l-elezzjoni federali

Jum l-elezzjoni huwa **s-Sibt 24 ta' Novembru 2007**.

Postijiet tal-votazzjoni jiftħu fit-**8am** u jagħlqu fis-**6pm** eżatt.

Tista' tivvota **f'kwalunkwe post tal-votazzjoni fl-elettorat tiegħek** fil-jum ta' l-elezzjoni.

Biex tiċċekkja l-elettorat tiegħek jew postijiet tal-votazzjoni ara **www.aec.gov.au** jew ċempel **13 23 26**. Postijiet tal-votazzjoni jkunu mniżżla wkoll f'gazzetti ewlenin meta toqrob l-elezzjoni. Għal din l-informazzjoni bil-Malti ċempel **1300 720 153**.

Jekk **ma tkunx tista' tmur f'post tal-votazzjoni** fl-elettorat tiegħek, dan il-ktejjeb fih informazzjoni dwar modi oħra kif tivvota.

**Il-votazzjoni hija ta' bil-fors għaċ-ċittadini Awstraljani li għandhom 18-il sena u aktar fuq ir-reġistru elettorali.** Jekk ma tivvotax u ma jkollokx raġuni tajba, għandek mnejn tħallas multa.

Kun ċert li l-vot tiegħek jgħodd – aqra l-informazzjoni fl-aħħar paġna biex tara kif tivvota tajjeb.

Biex titlob għal kopji tal-gwida f'lingwi oħra jew għal formati aċċessibbli alternattivi ċempel 13 23 26 jew niżżel l-informazzjoni minn www.aec.gov.au.

Dawk li jċemplu li huma torox jew ikollhom nuqqas ta' smigħ jew tat-taħdit jistgħu jċemplu permezz tan-National Relay Service: TTY jew dawk li jużaw il-modem: ċemplu 133 677 u kkwotaw 13 23 26. Dawk li jużaw il-vuċi biss (tkellem u isma'): ċemplu 1300 555 727 u kkwotaw 13 23 26.

# Meta u fejn tivvota

## Meta nivvota?

L-elezzjoni federali hija nhar is-Sibt 24 ta' Novembru 2007. Postijiet tal-votazzjoni jiftħu fit-**8am** u jagħlqu fis-**6pm** eżatt.

## Fejn nista' nivvota?

Issoltu, wieħed jivvota f'post tal-votazzjoni. Jekk tkun fl-inħawi lokali tiegħek fil-jum ta' l-elezzjoni tista' tivvota f'kwalunkwe post tal-votazzjoni fl-elettorat tiegħek.

Ara fejn tista' tivvota lokalment skond il-lista ta' postijiet tal-votazzjoni f' **www.aec.gov.au**, jew ċempel **1300 720 153**. Postijiet ta' votazzjoni jkunu mniżżla wkoll f'gazzetti ewlenin.

Għal lista ta' postijiet tal-votazzjoni b'aċċess għal dawk b'diżabilità, ara **www.aec.gov.au**. Hemm ukoll arranġamenti speċjali f'postijiet tal-votazzjoni għal nies li ma jkunux jistgħu joħorġu mill-karozza tagħhom.

| |
|---|
| L-aktar mod faċli biex tivvota huwa f'post tal-votazzjoni fil-jum ta' l-elezzjoni. |

### Hemm modi oħra biex nivvota?

Jiddependi skond iċ-ċirkustanzi tiegħek, **tista'** tkun eliġibbli biex tivvota:

- **f'ċentru tal-votazzjoni kmieni jew uffiċċju ta' l-AEC**. Ċentri tal-votazzjoni kmieni jippermettulek li tivvota personalment qabel il-jum ta' l-elezzjoni. Ċentri tal-votazzjoni kmieni jkunu f'postijiet konvenjenti bħal m'huma shopping centres u ajruporti u xi wħud jiftħu barra l-ħinijiet normali ta' l-uffiċċju. Għal aktar informazzjoni ara **www.aec.gov.au** **jew ċempel 1300 720 153**.

- bil-posta. Tista' tapplika għal vot postali billi timla formula ta' applikazzjoni. Karti tal-votazzjoni mbagħad jintbagħtulek bil-posta u meta timlihom, ibgħathom lill-AEC f'envelop ipprovdut bil-bolla mħallsa. Formuli ta' applikazzjoni għal vot postali jistgħu jinkisbu minn kull uffiċċju tal-posta, uffiċċju ta' l-AEC jew minn www.aec.gov.au

  Ftakar li għandek tippermetti ħafna żmien biex il-karti tal-vot tiegħek jintbagħtulek bil-posta. Għandek tapplika għal vot postali qabel il-Ħamis 22 ta' Novembru u l-karti tal-vot mimlija tiegħek għandhom ikollhom it-timbru tal-posta qabel is-6.00pm fil-jum ta' l-elezzjoni. Jekk le, il-vot tiegħek ma jkunx jista' jkun magħdud.

## X'jiġri jekk inkun 'il bogħod mid-dar fil-jum ta' l-elezzjoni?

**Xorta tista' tivvota.**

**Jekk tkun fl-istat jew territorju fejn toqgħod** fil-jum ta' l-elezzjoni imma barra l-elettorat tiegħek, tista' tivvota f'kwalunkwe post tal-votazzjoni. Dan jissejjaħ vot assenti.

**Jekk tkun fi stat jew territorju ieħor** fil-jum ta' l-elezzjoni tista' tivvota f'kwalunkwe uffiċċju tat-taqsima ta' l-AEC jew ċentru tal-votazzjoni għal barra l-istat. Huwa importanti li tiftakar li ma tistax tivvota sempliċiment f'kwalunkwe post tal-votazzjoni; irid ikun ċentru speċjali tal-votazzjoni għal barra l-istat. Inkella, tista' tivvota qabel ma titlaq f'ċentru tal-votazzjoni kmieni jew bil-posta.

**Jekk tkun barra l-Awstralja** fil-jum ta' l-elezzjoni tista' tivvota personalment jew bil-posta fil-biċċa l-kbira ta' l-ambaxxati barranin Awstraljani jew missjonijiet (iċċekkja qabel tmur). Tista' tivvota wkoll qabel tħalli l-Awstralja f'ċentri tal-votazzjoni kmieni jew bil-posta.

Ara www.aec.gov.au jew ċempel 1300 720 153 biex tkun taf dwar:
- postijiet tal-votazzjoni fil-jum ta' l-elezzjoni
- ċentri tal-votazzjoni kmieni
- ċentri tal-votazzjoni barra l-istat fejn toqgħod

- dettalji ta’ timijiet li jiġu biex tivvota fejn toqgħod
- uffiċċji tat-taqsima ta’ l-AEC
- informazzjoni dwar votazzjoni postali

## X’jiġri jekk inkun l-isptar jew f’nursing home fil-jum ta’ l-elezzjoni?

Xi sptarijiet u nursing homes  ikollhom żjajjar minn timijiet li jiġu biex tivvota fejn tkun qiegħed matul il-ġranet qabel l-elezzjoni jew fil-jum ta’ l-elezzjoni. Jekk dan ma jkunx il-każ fl-isptar jew nursing home tiegħek, tista’ tapplika għal vot postali. Formuli ta’ applikazzjoni ħafna drabi jistgħu jinkisbu mir-receptions ta’ l-isptar jew tan-nursing home.

## X’jiġri jekk inkun f’inħawi remoti fil-jum ta’ l-elezzjoni?

Ħafna bliet u komunitajiet remoti jkollhom żjajjar minn timijiet li jiġu biex tivvota fil-lokal tiegħek. Dan issoltu jibda madwar ġimgħatejn qabel il-jum ta’ l-elezzjoni. Iċċekkja għal posters fl-uffiċċju tal-kunsill lokali tiegħek, isma’ r-radju jew aqra l-gazzetta lokali tiegħek għal ħinijiet u dati li timijiet ikunu se jiġu fil-lokal tiegħek biex tivvota. Tista’ tapplika wkoll għal vot postali jekk tim li ssoltu jigi fil-lokal tiegħek biex tivvota ma jkunx se jiġi fejn toqgħod int.

## X’jiġri jekk ikolli raġuni oħra għaliex ma nkunx nista’ nivvota fil-jum ta’ l-elezzjoni?

Jista’ jkun hemm raġunijiet oħra għaliex ma tkunx tista’ tivvota fil-jum ta’ l-elezzjoni. Per eżempju:

- tkun aktar minn 8km ‘il bogħod minn post tal-votazzjoni fl-istat jew territorju fejn toqgħod
- tkun qed toqrob li twelled
- ikollok mard serju jew tkun qed tieħu ħsieb xi ħadd li jkun marid
- ikollok twemmin reliġjuż li jwaqqfek milli tattendi post tal-votazzjoni fil-jum ta’ l-elezzjoni
- tkun qed taħdem jew tivvjaġġa fil-jum ta’ l-elezzjoni

F’dawn il-każi tista’ tivvota personalment qabel il-jum tal-votazzjoni f’ċentru tal-votazzjoni kmieni jew bil-posta.

Xi ħaddiema tas-servizz tad-difiża li jkunu qegħdin iservu barra l-pajjiż ikollhom l-opportunità li jivvutaw elettronikamet bħala parti minn prova ta' votazzjoni b'mod elettroniku sigur – Din il-prova qed issir fl-Awstralja l-ewwel darba.

Votanti li huma għomja jew għandhom vista baxxa jista' jkollhom l-opportunità li jkunu nvoluti fi prova ta' votazzjoni magħrufa e-voting. Għall-ewwel darba, magni elettroniċi tal-votazzjoni se jkunu disponibbli f'ċentri magħżula għal votazzjoni kmieni waqt l-elezzjoni. Għal aktar informazzjoni ara www.aec.gov.au

Persuna li tkun qed isservi sentenza ta' taħt tliet snin il-ħabs hija ntitolatha li tivvota. Priġunieri jistgħu jużaw servizzi tal-votazzjoni ta' dawk li jiġu fuq il-post jew vot postali.

# Fil-post tal-votazzjoni

## X'jiġri fil-post tal-votazzjoni?

Jekk tkun trid, ikun hemm għajnuna f'postijiet tal-votazzjoni. Uffiċjali tal-votazzjoni jkollhom informazzjoni li jkunu jistgħu juruk dwar kif tivvota tajjeb bil-Malti u tista' titlob għal għajnuna biex timla l-karti tal-vot tiegħek. Tista' tieħu wkoll lil xi ħadd, bħal membru tal-familja jew ħabib/a biex jgħinek/tgħinek, imma trid tgħarraf lill-uffiċjali tal-votazzjoni qabel tivvota.

F'xi postijiet tal-votazzjoni jkun hemm uffiċjali tal-votazzjoni li jitkellmu b'lingwi oħra minbarra l-Ingliż. Ikunu liebsa beġġ biex jgħarrfuk liema lingwa jitkellmu.

1. Fil-post tal-votazzjoni uffiċjal tal-votazzjoni:
    - jistaqsik ismek u l-indirizz u jekk tkunx ivvutajt qabel f'din l-elezzjoni.

      F'xi postijiet tal-votazzjoni dawn il-mistoqsijiet ikunu disponibbli f'lingwi oħra minbarra bl-Ingliż – għid lill-uffiċjal jekk tkun trid dawn il-mistoqsijiet bil-lingwa tiegħek.

- L-uffiċjal tal-votazzjoni mbagħad jiċċekkja ismek fuq ir-reġistru elettorali – lista ta' ismijiet tan-nies kollha li huma ntitolati biex jivvutaw fl-elezzjoni.

2. Inti tingħata żewġ karti tal-votazzjoni:
   - karta ħadra tal-Kamra tar-Rappreżentanti (House of Representatives)
   - karta bajda tas-Senat (Senate)

3. Aqra sewwa l-istruzzjonijiet fuq iż-żewġ karti tal-votazzjoni għaliex hemm struzzjonijiet differenti għal kull waħda. Staqsi lil uffiċjal tal-votazzjoni għal għajnuna jekk ma tkunx ċert. Għall-karta tal-votazzjoni ħadra għandek tagħmel numru f'kull kaxxa. Għall-karta bajda tal-votazzjoni tista' tagħmel jew '1' f'kaxxa 'l fuq mil-linja, jew tagħmel numru f'kull kaxxa 'l isfel mil-linja. **Ara l-aħħar paġna ta' din il-gwida għal struzzjonijiet dwar kif timla l-karti tal-votazzjoni tiegħek.**

Jekk tagħmel żball tinkwetax: kull m'għandek tagħmel huwa li titlob lil uffiċjal tal-votazzjoni għal karta oħra tal-votazzjoni.

4. Meta tkun imlejt il-karti tal-votazzjoni tiegħek, itwihom u poġġi kull karta tal-votazzjoni fil-kaxxi tal-votazzjoni separti pprovduti.

Tista' ssib il-postijiet tal-votazzjoni lokali tiegħek f'www.aec.gov.au, jew billi ċċempel 1300 720 153. Listi ta' postijiet tal-votazzjoni lokali jkunu ppubbikati wkoll f'gazzetti ewlenin meta tkun qed toqrob l-elezzjoni.

## X'jiġri jekk l-uffiċjal tal-votazzjoni ma jkunx jista' jsib ismi fuq ir-reġistru elettorali?

Xorta tista' tivvota – dan jissejjaħ vot proviżjonali. Biex titfa vot proviżjonali jkollok bżonn tipprovdi prova ta' identità – jew fil-post tal-votazzjoni jew sal-ħin ta' l-għeluq ta' l-ewwel Ġimgħa wara l-jum ta' l-elezzjoni. Tkun idea tajba li tieħu identifikazzjoni miegħek fil-post tal-votazzjoni – fil-każ li tkun mitluba. Varjetà ta' identifikazzjoni hija aċċettata bħal m'hi liċenzja tas-sewqan, kard tal-Medicare jew kard ta' l-istudenti.

Vot proviżjonali huwa vot li jkun issiġillat f'envelop meta isem ta' votant ma jkunx jista' jinstab fuq ir-reġistru elettorali. L-envelop ikun iffirmat mill-votant u l-isem tal-votant ikun iċċekkjat skond ir-reġistru elettorali biex jaraw jekk il-vot ta' din il-persuna jkunx jista' jingħadd.

Barra l-post tal-votazzjoni ħaddiema ta' partiti politiċi jistgħu jagħtuk kards li jgħidulek kif tivvota, li jissuġġerixxu li tivvota għal kandidat jew partit partikulari. M'għandekx għalfejn timxi skond dawn il-kards. *Kif tagħżel li tivvota hija d-deċiżjoni tiegħek*.

## Bidliet fil-konfini elettorali

### Toqgħod fi New South Wales, Queensland, jew l-Australian Capital Territory?

Jekk iva, il-konfini elettorali tiegħek setgħu nbidlu.

Mill-elezzjoni federali ta' l-2004 kien hemm bidliet għal xi konfini elettorali fl-ACT, NSW u QLD. Jista' jkun li issa qiegħed f'elettorat differenti, anke jekk ma bdiltx l-indirizz.

**Biex tiċċekkja f'liema elettorat inti se tivvota, jew għal aċċess ta' mapep ta' konfini elettorali federali kurrenti ara www.aec.gov.au jew ċempel 1300 720 153.**

*L-Australian Electoral Commission (AEC) tmexxi elezzjonijiet federali u referendums, iżżomm ir-reġistru elettorali tal-Commonwealth u tipprovdi varjetà ta' informazzjoni elettorali u programmi ta' edukazzjoni.*

*L-AEC hija awtorità statutorja indipendenti.*

# Kif Tivvota




Authorised by Gail Urbanski, West Block, Queen Victoria Terrace, Parkes, ACT.